TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/36/12/S

Peter Paul Bugeja
Vs
Mobisle Communications Limited

Illum 11 t'Ottubru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Peter Paul Bugeja pprezentata fis-7 ta'Frar,2012 u r-risposta tas-socjeta konvenuta mobisle Communications Limited ipprezentata fit-28 ta'Marzu,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-attur u r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tas-27 ta'Lulju,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda telefon cellulari mixtri mill-attur minghand is-socjeta konvenuta bhala parti minn ftehim maghmul bejn il-partijiet fid-19 t'Awwissu,2011. L-ilmnt tal-attur jikkonsisti filli skont hu, il-batterija bidet tispicca malajr u t-telefon kien qed jishon filwaqt li s-socjeta konvenuta tenniet lit-telefon cellulari kellu 'corrosion' gewwa wara li gie espost ghal xi likwidu u li ghalhekk ma kienx qed jahdem sew;

Illi l-attur ikkontesta dak allegat mis-socjeta konvenuta ghax skont hu, *"…sa fejn naf jien qatt ma xarrabtu ghax nuzah jien biss…"*[1];

Illi din kienet l-unika difiza fir-rigward tal-'corrosion' misjuba fit-telefon cellulari li zgur mhijiex bizzejjed biex ixxejjen dak ippruvat mis-socjeta konvenuta;

Illi jinghad ukoll li kieku il-'corrosion' kienet prezenti meta t-telefon cellulari inxtara, dan ma kienx jahdem kif suppost mal-ewwel u mhux jibdew il-problemi wara xaghrejn li inxtara';

[1] Seduta tas-27 ta'Lulju,2012.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE. (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Illi mix-xhieda mismugha u mill-provi prodotti, ma jirrizultax li t-telefon cellulari kien difettuz meta inxtara' izda l-problemi feggew wara xaghrejn;

Illi l-attur ma rnexxilux jipprova li dan kien rizultat ta' xi difett tal-manifattura tat-telefon cellulari;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Peter Paul Bugeja u Jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta Mobisle Communications Limited, b'kull parti thallas l-ispejjez inkorsi f'dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru